**28 ta' April, 1967**

**Imhallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Carmelo Parnis

*versus*

Paul Zammit *noe*

**Impediment tas-safar — Mandat ta' — Nullita ta' — Penali —**

**Danni — Qerq — Dolo u kolpa.**

*Biex tintalab penali kontra min jottjeni l-hruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna jeħtieġ li jiġi pruvat li dak il-mandat ġie ottenut b'qerq, waqt li r-responsabilità għad-danni tirrikjedi biss li dika l-persuna tkun f'kolpa.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta illi kif spjegat fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni, il-konvenut ottiena, fis-6 ta' Lulju, 1965, il-ħruġ ta' mandat ta' impediment numru 275/1965 kontra tiegħu għal pretensjoni, fl-ammont ta' ħamsa u tmenin lira (£85), ġià dedotta quddiem il-Qorti b'ċitazzjoni numru 124/1963, liema mandat ġie mill-konvenut ottenut b'qerq u nġustament; talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — għar-raġunijiet fuq premessi jiġi minn dik il-Qorti revokat l-imsemmi mandat ta' impediment ta' safar numru 275/1965 maħruġ fis-6 ta' Lulju, 1965; u l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu bħala penali dovuta skond il-liġi dik is-somma ta' mhux anqas minn għoxrin lira li tiġi ffissata mill-Qorti, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, flimkien mad-danni sofferti minnu kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li, indipendentement minn dak kollu li jgħid l-attur, ma hemm ebda dolo u, subordinatament, il-possess ta' proprietà immobiljari m'għandu ebda valur għall-fini tal-preżenti;

Rat in-nota tal-attur preżentata fl-udjenza tal-10 ta' Awwissu, 1965 li biha rrinunzja għall-meritu l-ewwel talba, salv il-kap tal-ispejjeż relattiv;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Frar, 1967 li biha astjenit milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba għar-revoka tal-mandat imsemmi fiċ-ċitazzjoni, billi ġiet ċeduta, u ċaħdet

it-tieni talba għall-kundanna tal-konvenut nomine għal ħlas ta' penali u danni mħabba l-ħruġ tal-istess mandat u ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur wara li kkunsidrat:—

Omissis;

Rat in-nota tal-appell tal-attur Carmelo Parnis u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata u li tiġi milqugħa t-talba attriċi għall-ħlas ta' penali u danni mħabba l-ħruġ tal-mandat ta' impediment ta' safar imsemmi fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-appellat illi biha ikkonfuta l-imsemmija petizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża kif ukoll dawk tal-kawża rigwardanti l-meritu li għalih ġie ottenut il-mandat in kwistjoni u l-atti tal-istess mandat, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi din il-kawża ġiet magħmula in bażi għad-dispost tal-artikoli 869 u 870 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li minnhom dak ta' l-ewwel jipprovdi għall-kundanna għall-ħlas ta' penali ta' min jinstab li ottiena mandat ta' impediment ta' partenza fuq talba magħmula b'qerq u l-ieħor jipprovdi għar-responsabilità għad-danni u interessi ta' min jiġi dikjarat li ottiena mandat simili inġustament. Li aggravju tal-appellant hu li fil-fehma tiegħu irriżulta ċar biżżejjed mill-fatti u ċirkostanzi tal-każ li l-appellat ottiena l-ħruġ tal-mandat in kwistjoni b'leġġerezza u in malafede.

Illi fl-artikoli 869 il-liġi tirrikjedi għall-inflizzjoni tal-penali speċifikament il-qerq mentri fl-artikolu 870 relattivament għad-danni titkellem fuq mandat ottenut "inġustament". Għall-inflizzjoni tal-penali, għalhekk, li għandu n-natura ta'

piena ("Arcicovich v. Formosa, App. 9 ta' Novembru, 1898) u hi intiża biex tissodisfa u tirripara l-affront u l-onta subita mill-persuna impeduta bil-mandat (Koll. Vol. XXI, i, 445; XXXVII, ii, 463), hu dejjem meħtieġ dak l-intent doluż li hu proprju l-kostitutiv tal-malizzja (it-test taljan preċedenti kien jgħid "maliziosamente") (Koll. Vol. VI, 66; XXIX, ii, 442 u 1184). Kwantu mbagħad għad-danni u nteressi, il-kelma "ingustament" fl-artikolu 870 fuq imsemmi m'għandiex tiġi intiża fis-sens empiriku u ġenerali li l-mandat jirriżulta b'xi mod inġustifikat, imma tiddenota r-responsabilità ġuridika għan-norma tad-dritt ċivili b'mod li l-kundanna għad-danni u interessi taħt dan l-artikolu hi subordinata għall-aċċertament, mill-kompless taċ-ċirkostanzi tar-responsabbiltà ċivili in bażi għall-dolo jew kolpa (ara għall-proprosizzjoni li "inġustament" tikkomprendi d-dolo u l-kolpa Koll. Vol. XXVIII, iii, 1067 u XXXVIII, iii, 692).

Illi mill fuq espost jiddixxendi (i) li l-Qorti ma tistax tikkundanna għad-danni u interessi lil min ottiena l-ħruġ tal-mandat ammenokkè ma jiġix stabbilit li aġixxa b'qerq jew almenu kolpa u inkwantu għall-penali, li tista' tiġi inflitta indipendentement mid-danni, irid proprju, kif tesiġi espressament l-istess liġi, jirriżulta l-qerq u (ii) li l-eżistenza ta' qerq jew kolpa hi materja ta' apprezzament ta' stat ta' kuxjenza kif esterjorment manifestat, u in konformità mal-prinċipi ġenerali, trid tiġi ippruvata mill-attur.

Illi għalkemm għal dak li hi l-ipotesi tal-kolpa l-każ preżenti jippreżenta ċerta diffikoltà, b'danakollu l-Qorti ma jidhrilhiex li fil-kompless taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ jista' jingħad li tirriżulta sodisfaċentement fil-konvenut appellat il-kolpa. Id-dolo ċertament ma jirriżultax. Hu veru li l-appellat kien ilu jaf lill-appellant xi seba' jew tmien snin fin-negozju u ma tul dan iż-żmien b'kollox l-appellant ħadem mal-appellat merkanzija li swiet eluf ta' liri, kif xehed l-istess appellat, u

hu veru wkoll li l-appellat kellu x'diskors mal-appellant fuq il-proprietà immobiljari ta' dan tal-aħħar. Jidher ukoll li, barra mid-debitu kontestat li più jifforma l-meritu tal-kawża li preordinatament għaliha nħareġ il-mandat, l-appellant kien pagatur. B'danakollu fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad fil-kompless taċ-ċirkostanzi illi jirriżulta sodisfaċentement li l-appellat aġixxa b'qerq jew almenu b'kolpa. Hu xehed li ma kienx jista' jgħid jekk l-appellant kienx proprietarju ta' dak li kien semma u, meta ftit qabel il-ħruġ tal-mandat "de quo", hu kien ottiena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-appellant f'idejn bniedem ieħor (billi kien sar jaf li l-appellant wella l-ħanut tiegħu li għalih l-appellat kien ifornixxi l-provvizjon), dan informah li t-twellija tal-ħanut kien ħadha minnandha terzi. Fil-fatt l-appellat xehed li hu kien talab il ħruġ l-mandat għax kien sema' mil-lavranti tiegħu li l-appellat kien ser jerġa' jitlaq" u peress li hu kien jaf li darb'oħra l-appellant kien diġà mar l-Awstralja bl-"assisted passage" (hu xehed ukoll li kien sema' li l-familja tal-appellant emigrat l-Awstralja) ħaseb li din id-darba l-appellant kien ser jitlaq għal kollox. Kompla jgħid li dak iż-żmien ma kienx jaf li oltri d-darba li l-appellant kien mar l-Awstralja bl-"assisted passage" hu kien mar darb'oħra bi flusu. Hu veru li l-kapital imsemmi fil-kawża l-oħra kien £60 waqt li s-somma indikata fil-mandat kienet £85 però apparti l-fatt li mandat ta' impediment tal-partenza jista' jintalab għall-kreditu ta' mhux anqas minn £20, l-interessi u l-ispejjeż tal-perizja kaligrafika kien jwasslu għal somma wisq superjuri. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi kollha u nonostanti l-fatt obbjettiv tal-entità tas-sentenzi tal-appellant u d-desagia li sfortunatament ġarrab l-istess appellant b'mandat li hu fin-natura tiegħu nnifsu odjuż, l-appellat ma jistax jingħad li ma kellux raġonevoli motivi li jirritieni li l-kreditu tiegħu kien jinsab fil-perikolu u li irriżulta sodisfaċentement li ottiena l-mandat in kwistjoni malizjosament jew inġustament fis-sens tal-liġi.

Għall-motivi *premessi* l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi fiċ-ċirkostanzi fuq riferiti jibqgħu bla taxxa.